Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2019/0161(COD)

16.4.2020

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas ta' governanza għall-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività għaż-żona tal-euro
(COM(2019)0354 – C9-0103/2019 – 2019/0161(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Dragoş Pîslaru

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA 20

MT

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas ta' governanza għall-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività għaż-żona tal-euro
(COM(2019)0354 – C9-0103/2019 – 2019/0161(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2019)0354),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 136(1)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0103/2019),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-30 ta' Ottubru 2019,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2020),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-koordinazzjoni tal-politika	(1) Il-koordinazzjoni tal-politika

ekonomika tal-Istati Membri hija kwistjoni ta' interess komuni. L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom interess partikolari f'politiki ekonomiċi li jippromwovu l-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u responsabbiltà li jwettquhom, kif ukoll li jevitaw politiki li jipperikolawh fil-kuntest tal-linji gwida ġenerali fformulati mill-Kunsill.	ekonomika tal-Istati Membri hija kwistjoni ta' interess komuni. L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom interess partikolari f'politiki ekonomiċi li jippromwovu l-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u responsabbiltà li jwettquhom, kif ukoll li jevitaw politiki li jipperikolawh fil-kuntest tal-linji gwida ġenerali fformulati ***mill-Parlament Ewropew u*** mill-Kunsill.
	Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Sabiex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, jenħtieġ li l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jieħdu miżuri biex isaħħu r-reżiljenza tal-ekonomiji tagħhom permezz ta' riformi strutturali u investiment immirati. Is-Summit tal-Euro ta' Diċembru 2018 ta l-mandat lill-Grupp tal-Euro biex jaħdem fuq it-tifsila, il-modalitajiet ta' implimentazzjoni u t-twaqqit ta' strument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività għaż-żona tal-euro. Biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jwettqu riformi strutturali u investiment b'mod konsistenti, koerenti u kkoordinat tajjeb, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas ta' governanza ***biex jippermetti lill-Kunsill jipprovdi orjentazzjonijiet strateġiċi dwar il-prijoritajiet tar-riforma u l-investiment li għandhom jiġu adottati fiż-żona tal-euro mill-Istati Membri. Tali qafas isaħħaħ il-konverġenza u l-kompetittività taż-żona tal-euro. Jenħtieġ ukoll li l-Kunsill jipprovdi gwida speċifika għall-pajjiż dwar riformi u objettivi tal-investiment individwali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, li jistgħu***	(2) Sabiex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, jenħtieġ li l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jieħdu miżuri biex isaħħu r-reżiljenza tal-ekonomiji tagħhom permezz ta' riformi strutturali u investiment immirati. Is-Summit tal-Euro ta' Diċembru 2018 ta l-mandat lill-Grupp tal-Euro biex jaħdem fuq it-tifsila, il-modalitajiet ta' implimentazzjoni u t-twaqqit ta' strument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività għaż-żona tal-euro***, li jenħtieġ li jiġi adottat abbażi tal-proposta rilevanti tal-Kummissjoni, emendata jekk ikun meħtieġ***. Biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jwettqu riformi strutturali u investiment b'mod konsistenti, koerenti u kkoordinat tajjeb, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas ta' governanza ***għall-istrument*** baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività ***għaż-żona tal-euro***.

jiġu appoġġati mill-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività. ***Minħabba li tali strument huwa speċifiku għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, jenħtieġ li jkunu biss il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lil dawk l-Istati Membri li jieħdu sehem f'votazzjonijiet skont dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Sabiex jitjiebu r-responsabbiltà demokratika u l-effiċjenza tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u tal-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività, jenħtieġ li jiġi stabbilit ir-rwol ta' Ministru Ewropew għall-Ekonomija u l-Finanzi, kif stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2017 dwar Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar it-titjib tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea bl-isfruttament tal-potenzjal tat-Trattat ta' Lisbona[8a]. Il-Ministru Ewropew għall-Ekonomija u l-Finanzi jippresiedi l-Grupp tal-Euro u l-Bord tal-Gvernaturi tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, ikun membru tal-Kummissjoni u jkun responsabbli quddiem il-Parlament Ewropew. Il-Ministru Ewropew għall-Ekonomija u l-Finanzi għandu jieħu rwol attiv fid-djalogu ekonomiku u s-seduti ta' smigħ kif stipulat f'dan ir-Regolament.

[8a] ĠU C 252, 18.7.2018, p. 215.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas biex jiġu identifikati l-prijoritajiet ta' riforma nazzjonali tal-Istati Membri u għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawk il-prijoritajiet. Dan ir-Regolament jindirizza l-ħtieġa li ***tiġi stabbilita koerenza bejn il-prijoritajiet*** tar-riforma u l-investiment ***għaż-żona tal-euro kollha kemm hi***, ***u l-objettivi tar-riforma*** u ***l-investiment*** tal-Istati Membri individwali li l-munita tagħhom hija l-euro, u ***li tiġi żgurata l-konsistenza tagħhom mas-Semestru*** Ewropew.	(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas biex jiġu identifikati l-prijoritajiet ta' riforma nazzjonali tal-Istati Membri u għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawk il-prijoritajiet. ***Fil-qafas tas-Semestru Ewropew, il-Kunsill, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, joħroġ rakkomandazzjonijiet annwali dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro) li jkunu mistennija jiġu kkunsidrati fil-livell nazzjonali mill-Istati Membri taż-żona tal-euro meta jabbozzaw il-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom.*** Dan ir-Regolament jindirizza l-ħtieġa li ***jiġi stabbilit qafas biex jiġu definiti orjentazzjonijiet strateġiċi għall-prijoritajiet*** tar-riforma u l-investiment ***tal-Istati Membri individwali li l-munita tagħhom hija l-euro***, ***b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro*** u ***l-programmi ta' riforma nazzjonali*** tal-Istati Membri individwali li l-munita tagħhom hija l-euro***. L-orjentazzjonijiet strateġiċi dwar il-prijoritajiet tar-riforma u l-investiment***, ***flimkien mar-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro*** u ***l-programmi ta' riforma nazzjonali fil-kuntest tas-Semestru*** Ewropew***, jiffurmaw il-qafas għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet ta' riforma nazzjonali tal-Istati Membri***.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fuq bażi annwali***, jenħtieġ li l-Kunsill jistabbilixxi orjentazzjonijiet strateġiċi dwar il-prijoritajiet tar-riforma*** u ***l-investiment għaż-żona tal-euro, bħala parti mir-rakkomandazzjoni*** dwar ***il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. L-orjentazzjonijiet strateġiċi*** jenħtieġ li ***jiġu adottati mill-Kunsill*** li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni***,*** u wara li ***l-Grupp tal-Euro jkun*** iddiskuta l-prijoritajiet tar-riforma u l-investiment li ***jqis li huma*** rilevanti u xierqa biex jiġu inklużi fihom. ***Is-Summit tal-Euro annwali se jkollu r-rwol tiegħu***.	(4) Fuq bażi annwali ***u għall-fini tal-proċess ta' allokazzjoni tal-istrument baġitarju għall-konverġenza*** u ***l-kompetittività msemmi fir-Regolament (UE) XXXX/XX [ir-Regolament*** dwar ***il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi u Investiment[8a]***, jenħtieġ li ***l-Kunsill jadotta orjentazzjonijiet strateġiċi dwar il-prijoritajiet tar-riforma u l-investiment għaż-żona tal-euro filwaqt*** li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara li ***l-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew ikun*** iddiskuta l-prijoritajiet tar-riforma u l-investiment li ***jikkunsidra*** rilevanti u xierqa biex jiġu inklużi fihom. ***Jenħtieġ li dawk l-orjentazzjonijiet strateġiċi jservu wkoll ta' bażi għall-identifikazzjoni tar-riformi u l-investimenti meħtieġa għall-irkupru wara emerġenza li tirriżulta minn ċirkostanzi eċċezzjonali li jaffettwaw Stat Membru speċifiku jew lill-Unjoni u li konsegwentement iżidu r-reżiljenza għax-xokkijiet u t-tħejjija għal emerġenza.***
	[8a] ĠU C , , p. .

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Biex tiżgura li l-orjentazzjonijiet strateġiċi jirriflettu l-esperjenza li qed	(5) Biex tiżgura li l-orjentazzjonijiet strateġiċi jirriflettu l-esperjenza li qed

tevolvi tal-implimentazzjoni tal-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività, jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mar-rakkomandazzjoni tagħha dwar l-orjentazzjonijiet strateġiċi, bħala parti mir-rakkomandazzjoni tagħha dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, tinforma lill-Kunsill dwar kif l-orjentazzjonijiet strateġiċi jkunu ġew segwiti tul is-snin preċedenti.	tevolvi tal-implimentazzjoni tal-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività, jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mar-rakkomandazzjoni tagħha dwar l-orjentazzjonijiet strateġiċi, ***u*** bħala parti mir-rakkomandazzjoni tagħha dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, tinforma ***lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kunsill dwar kif l-orjentazzjonijiet strateġiċi jkunu ġew segwiti tul is-snin preċedenti. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqiegħed l-informazzjoni rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tal-Palament Ewropew u tal-Kunsill simultanjament.***

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jiddeċiedu li jissottomettu proposti għal pakketti ta' riforma u investiment taħt l-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività***. *Għal dak il-għan, il-Kunsill se jadotta Rakkomandazzjoni li tipprovdi gwida speċifika għall-pajjiżi dwar l-objettivi tar-riformi u l-investiment li jistgħu jiġu appoġġati taħt l-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Jenħtieġ li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tkun konsistenti mal-orjentazzjonijiet strateġiċi adottati skont dan ir-Regolament kif ukoll mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi adottati, b'mod parallel, skont is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, wara diskussjonijiet, fejn ikun xieraq, mal-kumitati*** bbażati fuq ***it-Trattat rilevanti. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha***	(6) L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jiddeċiedu li jissottomettu proposti għal pakketti ta' riforma u investiment taħt l-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività bbażati fuq ***l-orjentazzjonijiet strateġiċi approvati għar-riforma u l-investiment taż-żona tal-euro***.

wkoll tqis kif dovut kwalunkwe programm ta' aġġustament makroekonomiku approvat f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].

---

[9] Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1).

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tipprovdi gwida speċifika għall-pajjiżi dwar l-għanijiet tar-riformi u l-investiment fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, adottata b'maġġoranza kwalifikata, jenħtieġ li tkun ibbażata fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Dan il-proċess jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għan-natura volontarja tal-parteċipazzjoni tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fl-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività, u mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Fi ħdan il-qafas ta' governanza stipulat f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kunsill jistabbilixxi l-orjentazzjonijiet strateġiċi għaż-żona tal-euro kollha kemm hi u jipprovdi gwida speċifika għall-pajjiżi dwar l-għanijiet tal-pakketti ta' riforma u investiment tal-Istati Membri individwali li l-munita tagħhom hija l-euro. Il-Kummissjoni*** timplimenta l-baġit tal-Unjoni skont l-Artikolu 317 tat-TFUE, li jinkludi l-ġestjoni tal-programmi ta' nfiq. Jenħtieġ li r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività [fi ħdan il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi] skont ir-Regolament (UE) XXXX/XX ma jiġux affettwati.	(8) ***Il-Kummissjoni*** timplimenta l-baġit tal-Unjoni skont l-Artikolu 317 tat-TFUE, li jinkludi l-ġestjoni tal-programmi ta' nfiq. Jenħtieġ li r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività [fi ħdan il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi ***u Investiment***] skont ir-Regolament (UE) XXXX/XX ma jiġux affettwati.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, ***il-Kunsill għandu*** jistabbilixxi ***liema Stati Membri*** qed jesperjenzaw tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku għall-finijiet ta' modulazzjoni tar-rati ta' kofinanzjament nazzjonali previsti fir-Regolament (UE) XXXX/XX [ir-Regolament dwar il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi], ***u*** mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1467/97 kif emendat.	(9) Fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni ***u b'kont meħud ta' kwalunkwe rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew adottata skont tali valutazzjoni***, ***jenħtieġ li l-Kunsill ikun jista'*** jistabbilixxi ***jekk l-Unjoni kollha kemm hi jew Stat Membru partikolari humiex*** qed jesperjenzaw tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku għall-finijiet ta' modulazzjoni tar-rati ta' kofinanzjament nazzjonali previsti fir-Regolament (UE) XXXX/XX [ir-Regolament dwar il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi ***u***

Investiment], mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1467/97 kif emendat.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Sabiex jittejjeb id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u biex jiġi żgurat li jkun hemm aktar trasparenza u akkontabilità f'dak id-djalogu ekonomiku, ***il-kumitat*** kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-President tal-Kunsill, lill-Kummissjoni u, fejn ikun xieraq, lill-President tal-Grupp tal-Euro biex jidhru quddiem il-kumitat sabiex jiddiskutu l-miżuri meħudin skont dan ir-Regolament.	(10) Sabiex jittejjeb id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u biex jiġi żgurat li jkun hemm aktar trasparenza u akkontabilità f'dak id-djalogu ekonomiku, ***jenħtieġ li l-kumitat*** kompetenti tal-Parlament Ewropew ***ikun*** jista' jistieden lill-President tal-Kunsill, lill-Kummissjoni u, fejn ikun xieraq, lill-President tal-Grupp tal-Euro biex jidhru quddiem il-kumitat sabiex jiddiskutu l-miżuri ***previsti u*** meħudin skont dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqiegħed l-informazzjoni rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tal-Palament Ewropew u tal-Kunsill simultanjament.***

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, f'intervalli regolari, dwar l-effettività ta' dan ir-Regolament.	(11) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, f'intervalli regolari, dwar l-effettività ***u l-implimentazzjoni*** ta' dan ir-

Regolament.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-qafas ta' governanza rilevanti għall-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività għaż-żona tal-euro fi ħdan il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi skont ir-Regolament (UE) XXX/XX[10].	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-qafas ta' governanza rilevanti għall-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività għaż-żona tal-euro fi ħdan il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi ***u Investiment*** skont ir-Regolament (UE) XXX/XX[10].
[10] ĠU C , , p. .	[10] ĠU C , , p. .

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) "is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika" tfisser il-qafas għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet ta' riforma nazzjonali tal-Istati Membri u għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawk il-prijoritajiet;

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) "orjentazzjonijiet strateġiċi għall-prijoritajiet ta' riforma u investiment" tfisser il-prijoritajiet ta' riforma u investiment għaż-żona tal-euro adottati mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara li l-kumitat kompetenti jkun iddiskuta l-prijoritajiet ta' riforma u investiment li jqis rilevanti u xierqa biex jiġu inklużi fihom.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għall-konverġenza u l-kompetittività tal-ekonomiji tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro billi jiddefinixxi qafas ta' governanza rilevanti għall-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività, li ***jippreżenta:***	Dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għall-konverġenza u l-kompetittività tal-ekonomiji tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro billi jiddefinixxi qafas ta' governanza rilevanti għall-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività, li ***jistabbilixxi l-orjentazzjonijiet strateġiċi għall-prijoritajiet ta' riforma u investiment taż-żona tal-euro li jridu jiġu indirizzati permezz tal-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività.***

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-orjentazzjonijiet strateġiċi dwar il-prijoritajiet ta' riforma u investiment taż-żona tal-euro kollha kemm hi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) gwida speċifika għall-pajjiż dwar l-għanijiet tar-riformi u l-investiment rilevanti għall-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara ***diskussjoni fil-Grupp tal-Euro***, il-Kunsill għandu jistabbilixxi, bħala parti mir-rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro u fuq bażi annwali, l-orjentazzjonijiet strateġiċi għall-prijoritajiet ta' riforma u investiment taż-żona tal-euro.	1. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara ***li jkun sema' l-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew***, il-Kunsill għandu jistabbilixxi, bħala parti mir-rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro u fuq bażi annwali, l-orjentazzjonijiet strateġiċi għall-prijoritajiet ta' riforma u investiment taż-żona tal-euro***, konsistenti mas-Semestru Ewropew. L-orjentazzjonijiet strateġiċi għall-prijoritajiet ta' riforma u investiment, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro u l-programmi ta' riforma nazzjonali fil-***

	kuntest tas-Semestru Ewropew, jiffurmaw il-qafas għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet ta' riforma nazzjonali tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'mod parallel mar-rakkomandazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill dwar kif l-Istati Membri jkunu segwew l-orjentazzjonijiet strateġiċi tas-snin preċedenti.	2. B'mod parallel mar-rakkomandazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinforma ***simultanjament lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kunsill dwar kif l-Istati Membri jkunu segwew l-orjentazzjonijiet strateġiċi tas-snin preċedenti.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 5	***imħassar***
Gwida speċifika għall-pajjiż	
1. Il-Kunsill għandu, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, jadotta rakkomandazzjoni indirizzata lill-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro li tipprovdi, fuq bażi annwali, gwida speċifika għall-pajjiżi dwar l-għanijiet ta' riforma u investiment għall-finijiet tal-pakketti ta' riforma u investiment, li l-Istati Membri jistgħu sussegwentement jissottomettu skont ir-Regolament (UE) XXXX/XX [ir-	

Regolament dwar il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi].

2. Ir-rakkomandazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun konsistenti mal-orjentazzjonijiet strateġiċi msemmija fl-Artikolu 4 u mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Istat Membru kkonċernat. Fir-rakkomandazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kunsill għandu jqis kif xieraq kwalunkwe programm ta' aġġustament makroekonomiku approvat f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 472/2013.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn rilevanti, abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, ***ir-rakkomandazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 5 għandha tistabbilixxi*** jekk Stat Membru huwiex qed jesperjenza tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku, għall-finijiet ta' modulazzjoni tar-rati ta' kofinanzjament nazzjonali previsti fir-Regolament (UE) XXXX/XX [ir-Regolament għall-Programm ta' Appoġġ għal Riformi].	***Il-Kunsill għandu jistabbilixxi***, abbażi ta' ***rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u b'kont meħud ta' kwlunkwe rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew adottata skont tali*** valutazzjoni mill-Kummissjoni, ***għandu jistabbilixxi*** jekk Stat Membru huwiex qed jesperjenza tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku, għall-finijiet ta' modulazzjoni tar-rati ta' kofinanzjament nazzjonali previsti fir-Regolament (UE) XXXX/XX [ir-Regolament għall-Programm ta' Appoġġ għal Riformi ***u Investiment***]. ***Id-deċiżjoni dwar jekk Stat Membru jkunx qed jesperjenza tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku għandha tkun ibbażata fuq il-gravità, fuq perjodu ta' 12-il xahar, ta' wieħed jew aktar mill-fatturi ekonomiċi li ġejjin:*** ***(a) il-prodott domestiku gross;*** ***(b) ir-rata tal-qgħad;*** ***(c) ir-rati ta' inadempjenza aggregati, fejn***

	disponibbli;
	(d) it-telf ta' kreditu aggregat, fejn disponibbli.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex jittejjeb id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u biex jiġi żgurat li jkun hemm aktar trasparenza u akkontabilità, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-President tal-Kunsill, lill-Kummissjoni u, fejn ikun xieraq, lill-President tal-Grupp tal-Euro biex jidhru quddiem il-kumitat sabiex jiddiskutu l-miżuri meħudin skont dan ir-Regolament.	Sabiex jittejjeb id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u biex jiġi żgurat li jkun hemm aktar trasparenza u akkontabilità, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-President tal-Kunsill, lill-Kummissjoni u, fejn ikun xieraq, lill-President tal-Grupp tal-Euro biex jidhru quddiem il-kumitat sabiex jiddiskutu l-miżuri ***previsti u*** meħudin skont dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni għandha tqiegħed l-informazzjoni rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tal-Palament Ewropew u tal-Kunsill simultanjament.***

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri hija kwistjoni ta' interess komuni. L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom responsabbiltà speċifika li jwettqu politiki ekonomiċi li jippromwovu l-funzjonament xieraq tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. L-istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività għaż-żona tal-euro (BICC) għandu jgħin l-inċentivazzjoni tar-riformi u l-investimenti fil-livell nazzjonali u jtejjeb il-koeżjoni u r-reżiljenza taż-żona tal-euro kollha kemm hi.


Il-pandemija tal-COVID-19 tefgħet dawl fuq id-differenzi strutturali fost l-ekonomiji taż-żona tal-euro u tista' tkompli tamplifikahom. L-għodod li jgħinu lill-pajjiżi taż-żona tal-euro jikkonverġu u jtejbu r-reżiljenza tal-ekonomiji tagħhom huma meħtieġa aktar minn qatt qabel. Fi ħdan il-baġit fit-tul tal-UE, il-BICC, li għandu jiġi integrat fi ħdan il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi, jista' jkun wieħed mill-istrumenti ewlenin biex jissaħħu l-potenzjal tat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, il-koeżjoni u r-reżiljenza tal-ekonomiji tagħna għal xokkijiet esterni. Għalhekk huwa essenzjali li l-BICC jkollu governanza robusta, demokratika u effiċjenti.

Ir-rapporteur qed isegwi tliet għanijiet fl-emendar tal-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi qafas ta' governanza għall-BICC.

L-ewwel nett, huwa jixtieq jissimplifika l-qafas ta' governanza. Ir-rapporteur jissuġġerixxi li jitwarrbu l-"gwidi speċifiċi għal kull pajjiż" li kienu maħsuba biex jiġu adottati mill-Kunsill abbażi tal-"orjentazzjonijiet strateġiċi" li għadhom kemm ġew stabbiliti. Ir-rapporteur jemmen li dawn il-"gwidi speċifiċi għal kull pajjiż" iżidu livell addizzjonali ta' kumplessità u jkomplu jikkumplikaw il-qafas ġenerali tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.

Madankollu, ir-rapporteur iżomm l-"orjentazzjonijiet strateġiċi għall-prijoritajiet ta' riforma u investiment" proposti sabiex iservu ta' gwida għall-Kummissjoni meta tagħżel il-"pakketti ta' riforma u investiment" ippreżentati taħt il-BICC, u finalment l-attribuzzjoni ta' fondi tal-UE biex jitwettqu.

Ir-rapporteur irid jiżgura wkoll li dawn l-"orjentazzjonijiet strateġiċi" ġodda jkunu konformi mal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika eżistenti, jiġifieri s-Semestru Ewropew u r-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro. Il-figura ta' hawn taħt tindika kif l-orjentazzjonijiet strateġiċi jiġu integrati fil-qafas eżistenti:



Bħala t-tieni għan, ir-rapporteur jixtieq isaħħaħ il-leġittimità demokratika tal-BICC.

Dan jagħmlu billi jissuġġerixxi rwol akbar għall-Parlament Ewropew. Huwa jipproponi seduta ta' smigħ tal-Kumitat ECON dwar il-prijoritajiet ta' riformi u investiment taż-żona tal-euro li ssir qabel l-adozzjoni tal-orjentazzjonijiet strateġiċi mill-Kunsill. Ir-rapporteur jemmen ukoll li l-Kunsill għandu jqis l-opinjoni tal-Parlament meta jistabbilixxi jekk Stat Membru jkunx qed jesperjenza tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku. Barra minn hekk, ir-rapporteur jixtieq li l-Parlament u l-Kunsill jiġu pprovduti bl-istess livell ta' informazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea fl-istadji kollha tal-proċedura.

Sabiex tissaħħaħ il-leġittimità tal-istrument, ir-rapporteur jissuġġerixxi wkoll li tiżdied il-viżibbiltà tal-eżekuttiv tiegħu. Ir-rapporteur jaħtaf ukoll l-opportunità tan-negozjati li ġejjin biex jagħti ħajja ġdida lill-proposta tal-Kummissjoni Ewropea biex jiġi stabbilit ministru għall-finanzi tal-UE. Għalhekk huwa jagħmel referenza għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' Diċembru 2017 biex jingħaqdu flimkien il-pożizzjonijiet tal-President tal-Grupp tal-Euro, tal-President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u l-Kummissarju għall-affarijiet ekonomiċi. Ir-rapporteur ifakkar li tali amalgamazzjoni ma tirrikjedix bidla fit-Trattat, kif spjegat mill-Kummissjoni, u li t-tiġdid tal-presidenza tal-Grupp tal-Euro se jseħħ fl-istess ħin meta se jibdew id-diskussjonijiet mal-Kunsill dwar il-BICC. Għal Ministru tal-finanzi tal-UE li jmexxi l-BICC u għodod oħra tal-politika, kulma jonqos huwa deċiżjoni tal-Grupp tal-euro.

It-tielet għan: li l-BICC jiġi adattat għaċ-ċirkustanza attwali u jiġi mgħammar għal dawk futuri. It-tifqigħa tal-COVID-19 wasslet għal xokkijiet mingħajr preċedent għall-ekonomija u s-swieq tax-xogħol tagħna. Ir-rapporteur jiftaħ il-bieb biex l-orjentazzjonijiet strateġiċi tal-BICC isiru punt ta' referenza għar-riformi u l-investimenti għall-pjanijiet ta' rkupru Ewropej u f'każ li tali sitwazzjonijiet eċċezzjonali jerġgħu jseħħu fil-futur. Fi żminijiet ta' prova, iż-żona tal-euro teħtieġ aktar konverġenza, u mhux inqas.

MT